# ANNESS I

# KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

EVANT suspensjoni u solvent għal bexx mill-ħalq għat-tiġieġ

## 2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Kull doża (0.007 mL) tal-vaċċin mhux dilwit fiha:

EVANT:
**Sustanzi attivi:**

*Eimeria acervulina,* strejn 003 .................................332 – 450*
*Eimeria maxima,* strejn 013 ......................................196 – 265*
*Eimeria mitis,* strejn 006...........................................293 – 397*
*Eimeria praecox,* strejn 007 ......................................293 – 397*
*Eimeria tenella,* strejn 004........................................276 – 374*

* In-numru ta' uċisti sporulati miksuba minn linji ta' koċċidja maturi mdgħajfa, skont proċeduri *in vitro* tal-manifattur fiż-żmien tat-taħlit.

**Ingredjenti oħra:**

Għal-lista sħiħa tal-ingredjenti (mhux attivi), ara s-sezzjoni 6.1.

HIPRAMUNE T (solvent):

**Aġġuvant:**
Montanide IMS

**Ingredjenti oħra:**
Brilliant Blue (E133)
Red AC (E129)
Vanillin

Għal-lista sħiħa tal-ingredjenti (mhux attivi), ara s-sezzjoni 6.1.

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Suspensjoni u solvent għal bexx mill-ħalq.
Suspensjoni: Suspensjoni bajda mdardra.
Solvent: Soluzzjoni ta' lewn kannella skur.

## 4 TAGĦRIF KLINIKU

### 4.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott

Tiġieġ.

### 4.2 Indikazzjonijiet għal użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott.

Għall-immunizzazzjoni attiva ta' flieles minn età ta' ġurnata biex jitnaqqas l-iżvilupp ta' leżjonijiet u uċisti intestinali assoċjat ma' koċċidjożi kkawżata minn *Eimeria acervulina, Eimeria maxima, Eimeria*

*mitis, Eimeria praecox* u *Eimeria tenella* u biex jitnaqqsu s-sinjali kliniċi (dijarea) assoċjati ma' *Eimeria acervulina*, *Eimeria maxima* u *Eimeria tenella*.

Bidu tal-immunità: 14-il jum wara t-tilqima.
Perjodu tal-immunità: 63 ġurnata wara t-tilqima f'ambjent li jippermetti r-riċiklaġġ tal-uċisti.

### 4.3 Kontraindikazzjonijiet

Xejn

### 4.4 Twissijiet speċjali <għal kull speċi li għaliha hu indikat il-prodott>

Il-vaċċin ma jipproteġix speċijiet oħra għajr it-tiġieġ kontra l-Koċċidjożi u huwa effettiv biss kontra l-ispeċijiet ta' *Eimeria* indikati. Dan il-prodott hu intenzjonat għat-tilqim ta' tiġieġ b'ħajja qasira biss. Ebda dejta m'hija disponibbli dwar il-protezzjoni ta' għasafar li jgħixu ħafna bħal dawk tat-tagħmmir/li jbidu futuri.

Laqqam annimali b'saħħithom biss.

### 4.5 Prekawzjonijiet Speċjali għall-Użu

<u>Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-annimali</u>

It-tiġieġ iridu jiġu mrobbija strettament fl-art fl-ewwel 3 ġimgħat ta' wara t-tilqim.

Sabiex jitnaqqsu l-infezzjonijiet naturali, hu rakkomandat li jitneħħa l-mifrex kollu u l-faċilitajiet u t-tagħmir relatat f'kuntatt mat-tiġieġ imlaqqma għandhom jitnaddfu bejn iċ-ċikli ta' produzzjoni.

<u>Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali</u>

Aħsel u ddiżinfetta l-idejn u t-tagħmir wara l-użu.

### 4.6 Effetti mhux mixtieqa (frekwenza u gravità)

Xejn

### 4.7 Użu fit-tqala, fit-treddigħ u fi żmien il-bidien

Is-sigurtà tal-prodott mediċinali veterinarju ma ġietx stabbilita fi żmien il-bidien. Tużax fi tjur fi żmien il-bidien jew tjur tar-razza, jew fi żmien 4 ġimgħat sa meta jibdew ibidu.

### 4.8 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra jew forom oħra ta' interazzjoni

M'hemmx informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effikaċja ta' dan il-prodott mediċinali veterinarju immunoloġiku jekk jintuża flimkien ma' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju ieħor. Id-deċiżjoni sabiex jintuża dan il-prodott mediċinali veterinarju immunoloġiku qabel jew wara xi prodott mediċinali veterinarju ieħor, għaldaqstant għandha tittieħed każ b'każ.

L-ebda sustanza antikoċċidjali jew aġenti oħra b'attività antikoċċidjali permezz tal-għalf jew l-ilma m'għandhom jintużaw għal mill-inqas 3 ġimgħat wara t-tilqim tat-tiġieġ b'dan il-prodott minħabba li r-replikazzjoni korretta tal-uċisti tal-vaċċin, u b'konsegwenza l-iżvilupp ta' immunità solida, jistgħu jiġu mfixkla. Barra minn hekk, it-tul tal-immunità jiddependi fuq ambjent li jippermetti r-riċiklaġġ tal-uċisti, għalhekk għandha tittieħed deċiżjoni li jintużaw kwalunkwe sustanzi antikoċċidjali fil-perjodu wara 3 ġimgħat wara t-tilqim li tqis l-impatt negattiv potenzjali fuq it-tul tal-immunità ta' dan il-prodott.

## 4.9 Ammont li jingħata u l-metodu ta' amministrazzjoni

Użu mill-ħalq.
Il-metodu tal-għoti huwa permezz ta' bexx oħxon.

Skeda tat-tilqim:
Doża waħda tal-vaċċin (0.007 ml) mill-età ta' ġurnata.

L-għoti:
Il-metodu ta' amministrazzjoni huwa permezz ta' bexx oħxon billi jintuża strument xieraq (volum mogħti: 28 mL/100 fellus, daqs tal-qtajra: 200 – 250 µm u pressjoni ta' ħidma: 1.5 sa 3 bars).
Qabel ma tibda tipprepara s-soluzzjoni tal-bexx, kun żgur li hemm kontenitur nadif disponibbli b'kapaċità suffiċjenti biex tipprepara s-suspensjoni dilwita tal-vaċċin. Iddilwi l-vaċċin bil-volumi rilevanti tas-solvent (HIPRAMUNE T) u bl-ilma, kif jidhru fit-tabella li ġejja:

| Dożi | Ilma | Vaċċin | HIPRAMUNE T (solvent) | Total |
|---|---|---|---|---|
| **1,000** | 223 mL | 7 mL | 50 mL | 280 mL |
| **5,000** | 1,115 mL | 35 mL | 250 mL | 1,400 mL |
| **10,000** | 2,230 mL | 70 mL | 500 mL | 2,800 mL |

Ħawwad il-kunjett tas-solvent (HIPRAMUNE T). Iddilwi l-kontenut tal-kunjett b'ilma nadif b'temperatura tal-kamra f'kontenitur xieraq.
Ħawwad il-kunjett tal-vaċċin (EVANT) u ddilwi l-kontenut tiegħu fis-soluzzjoni tas-solvent u l-ilma. Suspensjoni li tagħti fil-vjola tinkiseb wara d-dilwizzjoni.
Imla r-*reservoir* tal-istrument tal-bexx bis-suspensjoni kollha tal-vaċċin ippreparata.
Żomm is-suspensjoni dilwita tal-vaċċin f'omoġenizzazzjoni kontinwa billi tuża aġitatur manjetiku waqt li l-vaċċin ikun qiegħed jiġi amministrat permezz ta' bexx oħxon lill-flieles.
Biex ittejjeb l-uniformità tat-tilqim, żomm il-flieles fil-kaxxa tat-trasport għal mill-anqas siegħa sabiex ikunu jistgħu jibilgħu l-qtajriet kollha tal-vaċċin.
Wara dan il-ħin, poġġi l-flieles b'attenzjoni fil-mifrex u kompli bil-prattiċi ta' ġestjoni regolari.

L-istrument għandu jitnaddaf wara kull użu. Ara l-istruzzjonijiet tal-manifattur biex tassigura diżinfezzjoni u manutenzjoni korretti tal-istrument.

## 4.10 Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti), jekk ikun hemm bżonn

Wara l-għoti ta' doża eċċessiva severa (10 darbiet aktar), sinjali kliniċi ħfief li jgħaddu ta' koċċidjożi ġew osservati b'mod komuni mingħajr ebda konsegwenza fuq il-prestazzjoni finali.

## 4.11 Perjodu ta' tiżmim

Xejn.

# 5. KWALITAJIET IMMUNOLOĠIĊI

Grupp farmako-terapewtiku: Immunoloġiku għat-Tjur, vaċċini parassitiċi ħajjin għat-tjur domestiċi. Kodiċi ATC veterinarja QI01AN01.

Biex jistimula immunità attiva kontra koċċidjożi kkawżata minn *Eimeria acervulina*, *Eimeria maxima, Eimeria mitis, Eimeria praecox* u *Eimeria tenella*.

## 6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

### 6.1 Lista ta' ingredjenti

EVANT (vaċċin):
Potassium chloride
Disodium phosphate dodecahydrate
Potassium dihydrogen phosphate
Sodium chloride
Polysorbate 80
Ilma ppurifikat

HIPRAMUNE T (solvent):
Brilliant blue (E 133)
Red AC (E 129)
Vanillin
Montanide IMS

### 6.2 Inkompatibilitajiet maġġuri

Tħallatx ma ebda prodott mediċinali veterinarju ieħor, ħlief mas-solvent ipprovdut għal użu ma' dan il-prodott mediċinali veterinarju.

### 6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

EVANT:
Żmien kemm idum tajjeb l-prodott mediċinali veterinarju kif ippakkjat għall-bejgħ: 10 xhur.
Żmien kemm idum tajjeb wara li jitħallat skont l-istruzzjonijiet:10 sigħat.

HIPRAMUNE t (solvent):
Żmien kemm idum tajjeb l-prodott mediċinali veterinarju kif ippakkjat għall-bejgħ: Sentejn.

### 6.4 Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen

Aħżen u ttrasporta ġo friġġ (2°C – 8°C).
Tagħmlux fil-friża

### 6.5 In-natura u l-għamla tal-ippakkjar li jmiss mal-prodott

EVANT:
Kunjetti tal-ħġieġ bla kulur tat-tip I li fihom 7 mL, 35 mL jew 70 mL ta' suspensjoni (1,000, 5,000 u 10,000 doża) magħluqin b'tappijiet tal-elastomer polimeriku tat-tip I u għotjien tal-aluminju.

HIPRAMUNE T (solvent)
Kunjetti tal-polipropelin li fihom 50 mL, 250 mL u 500 mL ta' solvent magħluqin b'tappijiet tal-elastomer polimeriku tat-tip I u għotjien tal-aluminju.

Daqsijiet tal-pakketti
Kaxxa tal-kartun b'kunjett wieħed ta' EVANT li fih 7 mL (1,000 doża) u kunjett wieħed ta' HIPRAMUNE T li fih 50 mL.
Kaxxa tal-kartun b'kunjett wieħed ta' EVANT li fih 35 mL (5,000 doża) u kunjett wieħed ta' HIPRAMUNE T li fih 250 mL.
Kaxxa tal-kartun b'kunjett wieħed ta' EVANT li fih 70 mL (10,000 doża) u kunjett wieħed ta' HIPRAMUNE T li fih 500 mL.

Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qegħdin fis-suq.

**6.6 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użati jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti**

Kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju għandhom jintremew skont kif jitolbu r-regolamenti tal-pajjiż.

## 7. DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

LABORATORIOS HIPRA, S.A.
Avda. la Selva, 135
17170 Amer (Girona)
SPAIN
Tel.: +34 972 430660
Fax: +34 972 430661
E-mail: hipra@hipra.com

## 8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI(JIET) GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/18/233/001-003

## 9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI / TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 05/02/2019

## 10. DATA TA' REVIŻJONI TAT-TEST

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju tinstab fuq il-websajt tal-Aġenzija Ewropea dwar il-Mediċini http://www.ema.europa.eu/.

## PROJBIZZJONI TA' BEJGĦ, PROVVISTA U/JEW UŻU

Mhux applikabbli.

## ANNESS II

**A. MANIFATTUR(I) TAS-SUSTANZA(I) BIJOLOĠIKA(ĊI) ATTIVA(I) U> MANIFATTUR(I) RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT**

**B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-PROVVISTA U L-UŻU**

**Ċ. DIKJARAZZJONI TAL-MRLs**

## A. <MANIFATTUR(I) TAS-SUSTANZA(I) BIJOLOĠIKA(ĊI) ATTIVA(I) U> MANIFATTUR(I) RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT

Isem u indirizz tal-manufattur<i> tas-sustanza<i> bijoloġika<ċi> attiva<i>

LABORATORIOS HIPRA, S.A.
Avda. La Selva 135
Amer
17170 Girona
SPANJA

LABORATORIOS HIPRA, S.A.
Paratge Lloret
Carretera de Susqueda
Amer
17170 Girona
SPANJA

LABORATORIOS HIPRA, S.A.
Carretera C-63, Km 48.300
Polígono Industrial El Rieral
Amer
17170 Girona
SPANJA

Isem u indirizz tal-manifattur responsabbli mill-ħruġ tal-lott.

LABORATORIOS HIPRA, S.A.
Avda. La Selva 135
Amer
17170 Girona
SPANJA

## B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-PROVVISTA U L-UŻU

Prodott mediċinali veterinarju li jingħata bir-riċetta.

## D. DIKJARAZZJONI TAL-MRLs

Is-sustanza attiva li hija prinċipju ta' oriġini bijoloġika maħsuba sabiex tipproduċi immunità attiva ma taqax fi ħdan l-iskop tar-Regolament (KE) Nru 470/2009.

L-addittivi (inkluż l-aġġuvanti) elenkati f'sezzjoni 6.1 tal-Karatteristiċi tal-Prodott fil-Qosor huma sustanzi ammissibbli li għalihom m'hemmx bżonn ta' limiti massimi ta' residwi kif indikat fit-tabella numru 1 tal-anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 huma kkunsidrati li ma jaqgħux fi ħdan l-iskop tar-Regolament (KE) Nru 470/2009 meta użati bħal f'dan il-prodott mediċinali veterinarju.

**ANNESS III**

**TIKKETTA U L-FULJETT TA' TAGĦRIF**

**A. TIKKETTA**

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

**Kaxex tal-kartun**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

EVANT suspensjoni u solvent għal bexx mill-ħalq għat-tiġieġ.

## 2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA

Kull doża (0.007 mL) tal-vaċċin mhux dilwit fiha:

*Eimeria acervulina*, strejn 003 ....................................332 – 450
*Eimeria maxima*, strejn 013 ........................................196 – 265
*Eimeria mitis*, strejn 006.............................................293 – 397
*Eimeria praecox*, strejn 007........................................293 – 397
*Eimeria tenella*, strejn 004..........................................276 – 374

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Suspensjoni u solvent għal bexx mill-ħalq.

## 4. DAQS TAL-PAKKETT

Kunjett wieħed ta' 7 mL (1,000 doża) ta' EVANT u kunjett wieħed ta' 50 mL ta' HIPRAMUNE T (solvent).
Kunjett wieħed ta' 35 mL (5,000 doża) ta' EVANT u kunjett wieħed ta' 250 mL ta' HIPRAMUNE T (solvent).
Kunjett wieħed ta' 70 mL (10,000 doża) ta' EVANT u kunjett wieħed ta' 500 mL ta' HIPRAMUNE T (solvent).

## 5. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Tiġieġ.

## 6. INDIKAZZJONI(JIET)

## 7. METODU U MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.
Użu mill-ħalq.
Bexx oħxon.

## 8. ŻMIEN TA' TIŻMIM

Żmien ta' tiżmim: Xejn ġranet.

## 9. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel lużu.

## 10. DATA TA' SKADENZA

Jiskadi {xahar/sena}
Ladarba jiġi dilwit, uża fi żmien 10 sigħat.

## 11. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Aħżen u ttrasporta ġo friġġ. Tagħmlux fil-friża.

## 12. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ

Rimi: aqra l-fuljett ta' tagħrif.

## 13. IL-KLIEM "GĦALL-KURA TAL-ANNIMALI BISS" U KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVVISTA U L-UŻU, JEKK APPLIKABBLI

Għall-kura tal-annimali biss. Għandu jingħata biss b'riċetta veterinarja.

## 14. IL-KLIEM "ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL"

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

## 15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

LABORATORIOS HIPRA, S.A.
Avda. la Selva, 135
17170 Amer (Girona)
SPANJA

## 16. NUMRU/I TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/18/233/001-003

## 17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR

Lott {numru}

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ UNITAJIET ŻGĦAR TA' IPPAKKJAR LI JMISS MAL-PRODOTT**

**Kunjett tal-vaċċin ta' 1,000 jew 5,000 doża**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

EVANT suspensjoni u solvent għal bexx mill-ħalq għat-tiġieġ.

## 2. KWANTITÀ TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I)

Kull doża (0.007 ml) tal-vaċċin mhux dilwit fiha:

*Eimeria acervulina*, strejn 003 ....................................332 – 450
*Eimeria maxima*, strejn 013 ........................................196 – 265
*Eimeria mitis*, strejn 006.............................................293 – 397
*Eimeria praecox*, strejn 007........................................293 – 397
*Eimeria tenella*, strejn 004..........................................276 – 374

## 3. KONTENUT BĦALA PIŻ, VOLUM JEW NUMRU TA' DOŻI

1,000 doża
5,000 doża

## 4. MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Biex jitħallat ma' HIPRAMUNE T (solvent).
Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.
Użu mill-ħalq.
Bexx oħxon

## 5. ŻMIEN TA' TIŻMIM

Żmien ta' tiżmim: Xejn ġranet.

## 6. NUMRU TAL-LOTT

Lott {numru}

## 7. DATA TA' SKADENZA

Jiskadi {xahar/sena}
Ladarba jiġi dilwit, uża fi żmien 10 sigħat.

## 8. IL-KLIEM "GĦALL-KURA TAL-ANNIMALI BISS"

Għall-kura tal-annimali biss.

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT LI JMISS MAL-PRODOTT**

**Kunjett tal-vaċċin ta' 10,000 doża**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

EVANT suspensjoni u solvent għal bexx mill-ħalq għat-tiġieġ.

## 2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA

Kull doża (0.007 ml) tal-vaċċin mhux dilwit fiha:

*Eimeria acervulina*, strejn 003 ....................................332 – 450
*Eimeria maxima*, strejn 013 ........................................196 – 265
*Eimeria mitis*, strejn 006.............................................293 – 397
*Eimeria praecox*, strejn 007........................................293 – 397
*Eimeria tenella*, strejn 004..........................................276 – 374

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Suspensjoni għal bexx orali.

## 4. DAQS TAL-PAKKETT

10,000 doża

## 5. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Tiġieġ.

## 6. INDIKAZZJONI(JIET)

## 7. METODU U MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Użu mill-ħalq.
Bexx oħxon.
Biex jitħallat ma' HIPRAMUNE T (solvent)Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

## 8. ŻMIEN TA' TIŻMIM

Żmien ta' tiżmim: Xejn ġranet .

**9. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ**

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel lużu.

**10. DATA TA' SKADENZA**

Jiskadi {xahar/sena}
Ladarba jiġi dilwit, uża fi żmien 10 sigħat.

**11. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN**

Aħżen u ttrasporta ġo friġġ. Tagħmlux fil-friża.

**12. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ**

**13. IL-KLIEM "GĦALL-KURA TAL-ANNIMALI BISS" U KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVVISTA U L-UŻU, JEKK APPLIKABBLI**

Għall-kura tal-annimali biss. Għandu jingħata biss b'riċetta veterinarja.

**14. IL-KLIEM "ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL"**

**15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

LABORATORIOS HIPRA, S.A.
Avda. la Selva, 135
17170 Amer (Girona)
SPAIN

**16. NUMRU/I TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

EU/2/18/233/001-003

**17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR**

Lott {numru}

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ UNITAJIET ŻGĦAR TA' IPPAKKJAR LI JMISS MAL-PRODOTT**

**Kunjett tas-solvent ta' 50 mL, 250 mL jew 500 mL**

## 1. ISEM TAS-SOLVENT

HIPRAMUNE T, solvent sterili għal bexx mill-ħalq għat-tiġieġ.

## 2. KONTENUT BĦALA PIŻ, VOLUM JEW NUMRU TA' DOŻI

50 ml
250 ml
500 ml

## 3. MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Użu mill-ħalq. Bexx oħxon.
Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

## 4. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Aħżen u ttrasporta ġo friġġ. Tagħmlux fil-friża.

## 5. NUMRU TAL-LOTT

Lott {numru}

## 6. DATA TA' SKADENZA

Jiskadi {xahar/sena}

## 7. IL-KLIEM "GĦALL-KURA TAL-ANNIMALI BISS"

Għall-kura tal-annimali biss.

**B. FULJETT TA' TAGĦRIF**

**FULJETT TA' TAGĦRIF GĦAL:**
**EVANT suspensjoni u solvent għal bexx mill-ħalq għat-tiġieġ**

## 1. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ U TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦALL-MANIFATTURA RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT, JEKK DIFFERENTI

Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u l-manifattur responsabbli għall-ħrug tal-lott:
LABORATORIOS HIPRA, S.A.
Avda. la Selva 135
17170 Amer (Girona)
SPANJA

## 2. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

EVANT suspensjoni u solvent għal bexx mill-ħalq għat-tiġieġ.

## 3. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I) U INGREDJENT(I) OĦRA

EVANT:
**Sustanzi attivi:**
Kull doża (0.007 mL) tal-vaċċin mhux dilwit fiha
*Eimeria acervulina,* strejn 003 .................................. 332 – 450*
*Eimeria maxima,* strejn 013 ...................................... 196 – 265*
*Eimeria mitis,* strejn 006........................................... 293 – 397*
*Eimeria praecox,* strejn 007 ...................................... 293 – 397*
*Eimeria tenella,* strejn 004 ........................................ 276 – 374*

* In-numru ta' uċisti sporulati miksuba minn linji ta' koċċidja maturi mdgħajfa, skont proċeduri *in vitro* tal-manifattur fiż-żmien tat-taħlit.

HIPRAMUNE T (solvent):
**Aġġuvant:**
Montanide IMS

**Ingredjenti oħra:**
Brilliant Blue (E133)
Red AC (E129)
Vanillin
Suspensjoni: Suspensjoni bajda mdardra.
Solvent: Soluzzjoni ta' lewn kannella skur.

## 4. INDIKAZZJONI(JIET)

Għall-immunizzazzjoni attiva ta' flieles minn età ta' ġurnata biex jitnaqqas l-iżvilupp ta' leżjonijiet u uċisti intestinali assoċjat ma' koċċidjożi kkawżata minn *Eimeria acervulina, Eimeria maxima, Eimeria mitis, Eimeria praecox* u *Eimeria tenella* u biex jitnaqqsu s-sinjali kliniċi (dijarea) assoċjati ma' *Eimeria acervulina*, *Eimeria maxima* u *Eimeria tenella.*
Bidu tal-immunità: 14-il jum wara t-tilqima.
Perjodu tal-immunità: 63 ġurnata wara t-tilqim f'ambjent li jippermetti r-riċiklaġġ tal-uċisti.

## 5. KONTRAINDIKAZZJONIJIET

Xejn.

## 6. EFFETTI MHUX MIXTIEQA

Xejn.

Jekk tinnota xi effetti serji anke dawk mhux imsemmija f'dan il-fuljett, jew taħseb li l-mediċina ma ħadmitx, jekk jogħġbok informa lit-tabib veterinarju tiegħek.

## 7. SPEĊI LI GĦALIHOM HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Tiġieġ.

## 8. DOŻA GĦAL KULL SPEĊI, MOD(I) U METODU TA' AMMINISTRAZZJONI

Doża waħda tal-vaċċin (0.007 mL) mill-età ta' ġurnata.
Użu mill-ħalq.
Il-metodu tal-għoti huwa permezz ta' bexx oħxon.

## 9. PARIR SABIEX TAMMINISTRA B'MOD KORRETT

Il-metodu ta' amministrazzjoni huwa permezz ta' bexx oħxon billi jintuża strument xieraq (volum mogħti: 28 mL/100 fellus, daqs tal-qtajra: 200-250 µm u pressjoni ta' ħidma: 1.5 sa 3 bars). Qabel ma tibda tipprepara s-soluzzjoni tal-bexx, kun żgur li hemm kontenitur nadif disponibbli b'kapaċità suffiċjenti biex tipprepara s-suspensjoni dilwita tal-vaċċin. Iddilwi l-vaċċin bil-volumi rilevanti tas-solvent (HIPRAMUNE T) u bl-ilma, kif jidhru fit-tabella li ġejja:

| DOŻI | ILMA | VAĊĊIN | HIPRAMUNE T (solvent) | TOTAL |
|---|---|---|---|---|
| **1,000** | 223 mL | 7 mL | 50 mL | 280 mL |
| **5,000** | 1115 mL | 35 mL | 250 mL | 1400 mL |
| **10,000** | 2230 mL | 70 mL | 500 mL | 2800 mL |

Ħawwad il-kunjett tas-solvent (HIPRAMUNE T). Iddilwi l-kontenut tal-kunjett b'ilma nadif temperatura tal-kamra f'kontenitur xieraq.
Ħawwad il-kunjett tal-vaċċin (EVANT) u ddilwi l-kontenut tiegħu fis-soluzzjoni tas-solvent u l-ilma. Suspensjoni li tagħti fil-vjola tinkiseb wara d-dilwizzjoni.
Imla r-reservoir tal-istrument tal-bexx bis-suspensjoni kollha tal-vaċċin ippreparata.
Żomm is-suspensjoni dilwita tal-vaċċin f'omoġenizzazzjoni kontinwa billi tuża aġitatur manjetiku waqt li l-vaċċin ikun qiegħed jiġi amministrat permezz ta' bexx oħxon lill-flieles.
Biex ittejjeb l-uniformità tat-tilqim, żomm il-flieles fil-kaxxa tat-trasport għal mill-anqas siegħa sabiex ikunu jistgħu jibilgħu l-qtajriet kollha tal-vaċċin.
Wara dan il-ħin, poġġi l-flieles b'attenzjoni fil-mifrex u kompli bil-prattiċi ta' ġestjoni regolari.

L-istrument għandu jitnaddaf wara kull użu. Ara l-istruzzjonijiet tal-manifattur biex tassigura diżinfezzjoni u manutenzjoni korretti tal-istrument.

## 10. PERJODU TA' TIŻMIM

Żero jiem.

## 11. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-ĦAŻNA

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.
Aħżen u ttrasporta fil-friġġ (2°C – 8°C). Tagħmlux fil-friża.
Iż-żmien kemm idum tajjeb wara li jiġi dilwit skont kif rakkomandat: 10 sigħat.
Tużax dan il-prodott mediċinali veterinarju wara d-data ta' skadenza murija fuq il-kartuna u t-tikketta.

## 12. TWISSIJIET SPEĊJALI

Twissijiet speċjali għal kull speċi għal xiex huwa indikat:
Il-vaċċin ma jipproteġix speċijiet oħra għajr it-tiġieġ kontra l-koċċidjożi u huwa effettiv biss kontra l-ispeċijiet *Eimeria* indikati. Dan il-prodott hu intenzjonat għat-tilqim ta' tiġieġ b'ħajja qasira biss. Ebda dejta m'hija disponibbli dwar il-protezzjoni ta' għasafar li jgħixu ħafna bħal dawk tat-tagħmmir/li jbidu futuri.

Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-annimali:
Laqqam tiġieġ b'saħħithom biss.
It-tiġieġ iridu jiġu mrobbija strettament fl-art fl-ewwel 3 ġimgħat ta' wara t-tilqim.
Sabiex jitnaqqsu l-infezzjonijiet naturali, hu rakkomandat li jitneħħa l-mifrex kollu u l-faċilitajiet u t-tagħmir relatat f'kuntatt mat-tiġieġ imlaqqma għandhom jitnaddfu bejn iċ-ċikli ta' produzzjoni.

Żmien il-bidien:
Is-sigurtà tal-prodott mediċinali veterinarju ma ġietx stabbilita fi żmien il-bidien. Tużax fi tjur fi żmien il-bidien jew tjur tar-razza, jew fi żmien 4 ġimgħat sa meta jibdew ibidu.

Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali:
Aħsel u ddiżinfetta l-idejn u t-tagħmir wara l-użu.

Interazzjoni ma' prodotti mediċinal oħrajn u forom oħrajn ta' interazzjoni:
M'hemmx informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effikaċja ta' dan il-prodott mediċinali veterinarju immunoloġiku jekk jintuża flimkien ma' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju ieħor. Id-deċiżjoni sabiex jintuża dan il-prodott mediċinali veterinarju immunoloġiku qabel jew wara xi prodott mediċinali veterinarju ieħor, għaldaqstant għandha tittieħed każ b'każ.

L-ebda sustanza antikoċċidjali jew aġenti oħra b'attività antikoċċidjali permezz tal-għalf jew l-ilma m'għandhom jintużaw għal mill-inqas 3 ġimgħat wara t-tilqim tat-tiġieġ b'dan il-prodott għax inkella r-replikazzjoni korretta tal-uċisti tal-vaċċin, u b'konsegwenza l-iżvilupp ta' immunità solida, jistgħu jiġu mfixkla. Barra minn hekk, it-tul tal-immunità jiddependi fuq ambjent li jippermetti r-riċiklaġġ tal-uċisti, għalhekk għandha tittieħed deċiżjoni li jintużaw kwalunkwe sustanzi antikoċċidjali fil-perjodu wara 3 ġimgħat wara t-tilqim li tqis l-impatt negattiv potenzjali fuq it-tul tal-immunità ta' dan il-prodott.

Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti):
Wara l-għoti ta' doża eċċessiva severa (10 darbiet aktar), sinjali kliniċi ħfief li jgħaddu ta' koċċidjożi ġew osservati b'mod komuni mingħajr ebda konsegwenza fuq il-prestazzjoni finali.

Inkompatibilitajiet:
Tħallatx ma ebda prodott mediċinali veterinarju ieħor, ħlief mas-solvent ipprovdut għal użu ma' dan il-prodott mediċinali veterinarju.

## 13. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR RIMI TA' PRODOTT MHUX UŻAT JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ

Il-mediċini m'għandhomx jiġu mormija mal-ilma maħmuġ jew mal-iskart domestiku.
Staqsi lill-kirurgu veterinarju lill-ispiżjar tiegħek dwar kif l-aħjar li tarmi l-mediċini li ma jkunux aktar meħtieġa. Dawn il-miżuri għandhom jgħinu sabiex jipproteġu l-ambjent.

## 14. DATA META ĠIE APPROVAT L-AĦĦAR IL-FULJETT TA' TAGĦRIF

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott tinstab fuq il-websajt tal-Aġenzija Ewropea dwar il-Mediċini http://www.ema.europa.eu/.

## 15. TAGĦRIF IEĦOR

Daqsijiet tal-pakketti:
Kaxxa tal-kartun b'kunjett wieħed ta' EVANT li fih 7 mL (1,000 doża) u kunjett wieħed ta' HIPRAMUNE T li fih 50 mL.
Kaxxa tal-kartun b'kunjett wieħed ta' EVANT li fih 35 mL (5,000 doża) u kunjett wieħed ta' HIPRAMUNE T li fih 250 mL.
Kaxxa tal-kartun b'kunjett wieħed ta' EVANT li fih 70 mL (10,000 doża) u kunjett wieħed ta' HIPRAMUNE T li fih 500 mL.

Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qegħdin fis-suq.

Għal kull tagħrif dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju, jekk jogħġbok ikkuntattja lir-rappreżentant lokali tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq.

| | |
|---|---|
| **België/Belgique/Belgien**<br>HIPRA BENELUX NV<br>Tél/Tel: (+32) 09 2964464 | **Lietuva**<br>LABORATORIOS HIPRA, S.A.<br>Tel: (34) 972 43 06 60 |
| **Република България**<br>LABORATORIOS HIPRA, S.A.<br>Тел: (34) 972 43 06 60 | **Luxembourg/Luxemburg**<br>HIPRA BENELUX NV<br>Tél/Tel: (+32) 09 2964464 |
| **Česká republika**<br>HIPRA SLOVENSKO, s.r.o.<br>Tel: (421) 02 32 335 223 | **Magyarország**<br>LABORATORIOS HIPRA, S.A.<br>Tel: (34) 972 43 06 60 |
| **Danmark**<br>LABORATORIOS HIPRA, S.A.<br>Tel: (34) 972 43 06 60 | **Malta**<br>LABORATORIOS HIPRA, S.A.<br>Tel: (34) 972 43 06 60 |
| **Deutschland**<br>HIPRA DEUTSCHLAND GmbH<br>Tel: (+49) 211 698236 – 0 | **Nederland**<br>HIPRA BENELUX NV<br>Tel: (+32) 09 2964464 |
| **Eesti**<br>LABORATORIOS HIPRA, S.A.<br>Tel: (34) 972 43 06 60 | **Norge**<br>LABORATORIOS HIPRA, S.A.<br>Tlf: (34) 972 43 06 60 |

| | |
|---|---|
| **Ελλάδα**<br>HIPRA ΕΛΛΑΣ Α.Ε.<br>Τηλ: (+30) 210 4978660 | **Österreich**<br>HIPRA DEUTSCHLAND GmbH<br>Tel: (+49) 211 698236 – 0 |
| **España**<br>LABORATORIOS HIPRA, S.A.<br>Tel: (34) 972 43 06 60 | **Polska**<br>HIPRA POLSKA Sp.z.o.o.<br>Tel: (+48) 22 642 33 06 |
| **France**<br>HIPRA FRANCE<br>Tél: (+33) 02 51 80 77 91 | **Portugal**<br>ARBUSET, Produtos Farmacêuticos e Sanitários De Uso Animal, Lda<br>Tel: (+351) 219 663 450 |
| **Hrvatska**<br>LABORATORIOS HIPRA, S.A.<br>Tel: (34) 972 43 06 60 | **România**<br>LABORATORIOS HIPRA, S.A.<br>Tel: (34) 972 43 06 60 |
| **Ireland**<br>HIPRA UK AND IRELAND, Ltd.<br>Tel: (+44) 0115 845 6486 | **Slovenija**<br>LABORATORIOS HIPRA, S.A.<br>Tel: (34) 972 43 06 60 |
| **Ísland**<br>LABORATORIOS HIPRA, S.A.<br>Sími: (34) 972 43 06 60 | **Slovenská republika**<br>HIPRA SLOVENSKO, s.r.o.<br>Tel: (421) 02 32 335 223 |
| **Italia**<br>Hipra Italia S.r.l.<br>Tel: ( +39) 030 7241821 | **Suomi/Finland**<br>LABORATORIOS HIPRA, S.A.<br>Puh/Tel: (34) 972 43 06 60 |
| **Κύπρος**<br>LABORATORIOS HIPRA, S.A.<br>Τηλ: (34) 972 43 06 60 | **Sverige**<br>LABORATORIOS HIPRA, S.A.<br>Tel. (34) 972 43 06 60 |
| **Latvija**<br>LABORATORIOS HIPRA, S.A.<br>Tel. (34) 972 43 06 60 | **United Kingdom**<br>HIPRA UK AND IRELAND, Ltd.<br>Tel. (+44) 0115 845 6486 |